**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 8 ta' April 2025**

**Rikors Numru 314/2024**

**Guglielmo Cane' (K.I. 16509L) u l-Avukat Dottor John Bonello (K.I. 534080M) bhala mandatarju speċjali tal-assenti Giovanni Cane' (K.I. 76709L) u Giuliana Cane' (K.I. 142910L)**

**Vs**

**Rita Scerri (K.I. 678457M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Guglielmo Cane` et** fl-4 ta' Lulju, 2024, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

*1. Illi omm ir-rikorrenti Guglielmo u Giovanni Cane' u n-nanna tar-rikorrenti Giuliana Cane' ossia Maria Angela sive Angelica Cane' nee' Bezzina armla minn Carlo Cane' li mietet fil-25 ta' Lulju 1963 kienet propjetarja tal-fond **6, gia 4, Ir-Razzett, Triq is-Salib, Sqaq Nru. 1, in-Naxxar** li huwa mikri lill-intimata **Rita Scerri** bil-kera ta' **Lm 1 fis-sena** ekwivalenti ghal circa **€2.30 fis-sena** sal-introduzzjoni tal-Att X tat-2009.*

*2. Illi Angelica Bezzina mietet intestata u l-wirt taghha ddevolva fuq l-erba' wliedha l-mejjet Giorgio Cane', ir-rikorrenti Giovanni Cane', il-mejta*

*Giuliana Cane' u r-rikorrenti Guglielmo Cane', kif jirrizulta mid-denunzja tas-successjoni taghha 1298/65 hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOK B****.*

*3. Illi Giorgio Cane' miet fil-2 ta' Marzu 2021 u l-wirt tieghu ddevolva b'testment tas-27 ta' Novembru 2019 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, li kopja tieghu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOK C****, fejn innomina bhala eredi universali tieghu lill-esponenti Guglielmo Cane', u liema wirt gie debitament dikjarat b'att causa mortis tat-2 ta' Marzu 2022 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK D****.*

*4. Illi Giuliana Cane' mietet fl-24 ta' Marzu 2021 u l-wirt taghha ddevolva b'testment tal-5 ta' Awissu 2019 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar, fejn innominat bhala eredi universali taghha lil huha r-rikorrenti Giovanni Cane', li rrinunzja ghall-eredita' taghha favur bintu r-rikorrenti* ***Giuliana Cane'*** *b'kuntratt tas-16 ta' Settembru 2022 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK E****, u liema wirt gie dikjarat b'att causa mortis tas-16 ta' Settembru 2022 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK F****.*

*5. Illi ghalhekk il-propjeta' in kwistjoni tappartjeni in kwantu ghal nofs indiviz lir-rikorrenti Guglielmo Cane', kwart indiviz lir-rikorrenti Giovanni Cane' u kwart indiviz iehor lir-rikorrenti Giuliana Cane'.*

*6. Illi l-fond imsemmi huwa mikri lil intimat, bil-kera ta'* ***€210 fis-sena*** *pagabbli kull l-ewwel ta' April ta' kull sena. Il-kirja tal-fond inkwistjoni tirrisali sa minn qabel l-1 ta' Awwissu 1987.*

*7. Illi qed jigi ezebit ukoll estratt tar-registru elettorali, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK G****.*

*8. Illi l-fond in kwistjoni mhuwiex fond dekontrollat, skont kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat* ***DOK H****. Illi r-rikorrenti b'hekk kienu u għadhom obbligati illi jgeddu l-kirja indefinittivament bl-istess kera u kundizzjonijiet minħabba d-disposizzjonijiet infami tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendati bl-Att X tal-2009.*

*9. Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilina* ***Rita Scerri*** *bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex gusti u ma*

*jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

*10. Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti, kif ukoll id-dritt li l-inkwilinat jibqa' jintiret minn generazzjoni ghall-ohra huma derimpenti d-drittijiet proprjetarji tas-sidien.*

*11. Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti gew spossessati mid-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà taghhom wara li skada t-terminu tal-kirja originali u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perjodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilini u dawk tas-sidien, minkejja il-ftehim originali surreferit u dan bid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*12. Illi l-awmenti fil-kera li kienu intitolati għalihom ir-rikorrenti skond il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 huma irrizorji u miżeri għall-aħħar meta paraġunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tiegħu, u għalhekk tali legislazzjoni ma ħolqot l-ebda bilanc bejn l-interess ġenerali u l-interess tar-rikorrenti, anzi kompliet tippregudika u tinjora id-drittijiet fundamentali tas-sid.*

*13. Illi r-rikorrenti gew imcaħħda mit-tgawdija tal-proprjetà taghhom minghajr ma setghu juzaw il-proprjeta' u lanqas jiehdu kumpens xieraq għall-okkupazzjoni minn terzi persuni b'mod sfurzat u mhux skond il-pattijiet kuntrattwali minnhom raggunti, imposti fuqhom mill-Awtoritajiet. Infatti, l-unika kumpens li gie offrut ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kien li tithallas iż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni tal-kera li ma setgħet qatt teċċedi d-doppju stabbilit fil-kuntratt oriġinali, meta fil-fatt il-valur lokatizju tal-istess fond, dak iż-żmien u iktar u iktar illum, kien ferm iżjed mill-kera annwali ta'* ***Lm 1*** *fis-sena, liema kera, anke kif sussegwentement awmentata bl-emendi fil-Ligi u tal-Att X tat-2009, hija xorta wahda leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin billi is-sid jircievi kera gusta fis-suq.*

*14. Illi r-rikorrenti qatt ma rcevew din il-kera gusta fis-suq minhabba t-tibdil fil-Ligi.*

*15. Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponentI huma intitolati jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2024, u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

*16. Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qeghdin isofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba li huma kostreti jirċievu kera rrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorità tad-Djar ser taghti benefiċċju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu:-***

**I.** ***Jiddikjara*** *u* ***Jiddeciedi*** *illi* ***Rita Scerri*** *huwa l-inkwilin tar-rikorrenti fil-fond,* ***6, gia 4, Ir-Razzett, Triq is-Salib, Sqaq Nru. 1, in-Naxxar*** *ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009.*

**II.** ***Jordna*** *illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilin intimat* ***Rita Scerri*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi, mahrug taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

**III.** ***Konsegwentement Jiddikjara*** *u* ***Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2024, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

**IV.** ***Tikkundanna*** *lill-inkwilin intimata* ***Rita Scerri*** *tibda tħallas dik it-tali kera hekk likwidata.*

**V.** ***Jagħti dawn l-ordnijiet necessarji*** *ai termini tal-Artikolu 1531F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att XXIV tal-2021 f'kaz li l-kerrejja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont regolamenti mahruga mill-Ministru ghall-Akkomodazzjoni minn zmien ghal zmien.*

Ra r-risposta ta' **Rita Scerri** ppreżentata fis-7 ta' Awwissu, 2024, li permezz tagħha eċċepiet s-segwenti:

1. *Illi preliminarjament, jiġi rilevat illi fl-okkju tar-rikors promotur, in-numru tal-karta tal-identità tal-esponenti huwa skorrett, hu minflok għandu jkun* <u>*0678457M*</u>*;*

2. *Illi inoltre, kif ser jirriżulta ampjament mill-provi li se jinġiebu fil-kors tal-proċeduri odjerni, l-esponenti qua inkwilina tissodisfa ampjament il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi kif stabbiliti fil-liġi, u għalhekk m'għandhiex tiġi kostretta tivvaka l-fond fejn tirrisjedi mertu tal-proċeduri odjerni, ossija l-fond in kwistjoni;*

3. *Illi kif se jirriżulta wkoll mill-istess provi, l-esponenti m'għandha l-ebda proprjetà alternattiva oħra fejn hija tista' tirrisjedi għajr il-fond in kwistjoni;*
4. *Illi inoltre, l-esponenti, li għandha sebgħa u sittin sena, la għandha mezzi u wisq anqas il-potenzjal li takkwista tali mezzi, tenut kont l-età tagħha, u għalhekk tiddependi għalkollox fuq il-kirja odjerna sabiex ikollha saqaf fuq rasha;*

5. *Illi inoltre, l-introjtu tal-esponenti huwa minimu, u għaldaqstant reviżjoni tal-kera bħalma qed jippretendu r-rikorrenti tista' effettivament twassal sabiex tkun kostretta tivvaka l-fond fejn ilha tirrisjedi għal għexieren ta' snin, u għalhekk tali talba saħansitra tmur kontra l-ispirtu tal-emendi legali li saru permezz tal-Att XXIV tal-2021;*

6. *Illi a kull buon fini, l-esponenti tirrileva li hija dejjem ħallset il-kera dovuta fil-pront, u li hija personalment u mingħajr l-ebda għajnuna mir-rikorrenti,*

*tieħu ħsieb li żżomm il-fond odjern fl-aqwa stat ta' manutenzjoni permezz ta' diversi benefikati u ammeljoramenti tul is-snin;*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ, f'każ illi dan il-Bord jiddeċiedi li għandu jkun hemm reviżjoni tal-kera kif mitlub mir-rikorrenti ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tali reviżjoni għandha tqis il-fatturi kollha fil-liġi, flimkien ma' fatturi oħrajn, fosthom l-età u l-mezzi tal-esponenti, u d-diversi benefikati illi hija għamlet tul is-snin illi għexet f'dan il-fond;*

8. *Illi inoltre, dan l-Onorabbli Bord għandu jiżgura li fi kwalunkwe każ, deċiżjoni a favur ta' reviżjoni tal-kera kif jista' jgħoġbu jistabilixxi għandha tkun waħda gradwali, u għandha tkun fil-minimu, u dan proprju sabiex l-esponenti ma tkunx kostretta tivvaka l-fond odjern;*

9. *Illi fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ illi dan l-Onorabbli Bord isib a favur tar-rikorrenti u jiddeċiedi li l-esponent għandu jivvaka l-fond jew f'każ illi l-kera li tiġi ffissata minn dana l-Bord tkun tali li ma tkunx tista' tiġi mħallsa mill-esponenti, l-Awtorità tad-Djar illi qed tintervjeni f'dawn il-proċeduri għandha tassisti lill-esponent sabiex isib residenza alternattiva;*

10. *Illi l-esponenti tistqarr illi fi kwalunkwe każ, il-pożizzjoni tagħha hi waħda ta' bla ħtija, u jekk xi ħadd għandu jwieġeb għal kwalunkwe reviżjoni fl-ammont tal-kera li jogħġbu jordna dan il-Bord, huwa l-Gvern tramite l-Awtorità tad-Djar kif delegata fl-irwol tagħha;*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fis-17 ta' Marzu, 2025, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala*

*intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u t-tifsira ta' dan.*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilin tissoddisfa it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq: https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini jkunu jiistgħu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qiegħdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghha.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimata Rita Scerri ppreżentata fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2024 li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond 6, Ir-Razzett, Triq is-Salib, Sqaq Nru. 1, in-Naxxar lill-intimata.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` tad-Djar talbet li r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu tagħhom u li huma waħedhom is-sidien tal-fond in kwistjoni. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti annessi mar-rikors promutur. Di più fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2024, id-difensur tal-intimata ddikjarat li l-intimata kienet qed tirrikonoxxi lir-rikorrenti bħala s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.[1]

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimata pproduċiet prova tad-dħul u tal-assi tagħha.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad-dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid esebit jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimata kellha sebgħa u sittin (67) sena.

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' dħul</u>**, persuna li li jkollha bejn sitta u sittin (66) sa ħamsa u sebgħin (75) sena tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix is-sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€46,500).[2]

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' kapital,</u>** persuna li jkollha bejn sitta u sittin (66) sa ħamsa u sebgħin (75) sena, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess

[1] A fol. 91.

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

kapital ma jridx jeċċedi l-mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000) għall-perjodu rilevanti.[3]

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimata taqbeż l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi tissodisfa l-kriterji tad-dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimata li skont mill-informazzjoni pprovduta għandha mezzi limitati ħafna. Min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif irridu mill-proprjeta' tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-Kapitolu 69 qabel dan ġie emendat bl-Att XXIV tal-2021 u fejn ġie

[3] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta\`. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta\` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[4]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti. Kif jirriżulta mid-dokument ippreżentat mar-risposta tal-Awtorita\` tad-Djar, l-inkwilin jista' jiġi mgħejjun mill-imsemmija Awtorita\` skont il-proċedura stabbilita mill-istess Awtorita\`. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[5], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-artikolu 12B tal-Kapitolu 158[6] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti, **Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana et** tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita\` tad-Djar)"*[7]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69

---

[4] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Generali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021.

[5] 1 ta' Diċembru 2021.

[6] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi.

[7] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilina u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant il-kirja awmentata għandha tkun ta' ħamest elef ewro (€5,000) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimata billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeciedi li Rita Scerri hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 6, già 4, Ir-Razzett, Triq is-Salib, Sqaq Nru. 1, in-Naxxar ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009;

2. Jilqa' t-tieni talba u wara li eżamina l-mezzi tal-intimata jiddikjara li tissodisfa t-test tal-mezzi;

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara li ai termini tal-Att XXIV tal-2021 il-kera tal-fond 6, già 4, Ir-Razzett, Triq is-Salib, Sqaq Nru. 1, Naxxar għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem;

4. Jilqa' ir-raba' talba u jikkundanna lill-intimata Rita Scerri tibda tħallas lir-rikorrenti l-kera kif riveduta u dana mid-data ta' din is-sentenza;

5. Jiċħad il-ħames talba;

6. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni stante li ġiet sorvolata permezz ta' korezzjoni, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**